DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Ġunju 2013

dwar l-ekwivalenza tas-sistema tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Uniti tal-Amerika skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2013) 3404)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/281/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2006/43/KE l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma meħtieġa jirreġistraw lill-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar kollha li jipprovdu rapporti tal-awditjar dwar il-kontijiet annwali jew konsolidati ta' ċerti kumpaniji inkorporati barra l-Unjoni li t-titoli trasferibbli tagħhom huma ammessi għan-negozju f'suq regolat fil-Unjoni. L-Artikolu 45(3) tad-Direttiva 2006/43/KE jeħtieġ lill-Istati Membri jissottomettu lil dawn l-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar għas-sistemi tagħhom ta' sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità u ta' investigazzjonijiet u penalitajiet.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/30/UE tad-19 ta' Jannar 2011 dwar l-ekwivalenza tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u s-sistemi ta' investigazzjoni u penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' ċerti pajjiżi terzi kif ukoll dwar perjodu tranżizzjonali għall-attivitajiet tal-awditjar ta' awdituri u entitajiet tal-awditjar minn ċerti pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea [2], ikkunsidrat is-sistemi tal-Istati Uniti tal-Amerika għas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, l-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ekwivalenti għas-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u l-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u d-ditti tal-awditjar tal-Istati Membri.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/30/UE ma tibqax tapplika mill-31 ta' Lulju 2013. Għalhekk, hemm bżonn li l-ekwivalenza tas-sistemi tiġi vvalutata mill-ġdid.

(4) Qabel ma adottat id-Deċiżjoni 2011/30/UE, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-ekwivalenza tas-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Uniti tal-Amerika. Il-valutazzjoni twettqet bl-għajnuna tal-Grupp Ewropew tal-Korpi tas-Sorveljanza tal-Awdituri. Is-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u l-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Uniti tal-Amerika ġew ivvalutati fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 29, 30 u 32 tad-Direttiva 2006/43/KE li jirregolaw is-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u l-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u d-ditti tal-awditjar tal-Istati Membri. L-għan aħħari tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sistema tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, l-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Uniti tal-Amerika għandu jkun li tinkiseb fiduċja reċiproka fis-sistemi ta' sorveljanza ta' xulxin abbażi tal-ekwivalenza tagħhom.

(5) L-Istati Uniti tal-Amerika għandha sistemi ta' sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità, u tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar li jaħdmu skont regoli simili għal dawk stabiliti fl-Artikoli 29, 30 u 32 tad-Direttiva 2006/43/KE. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika għandhom il-ħsieb jevalwaw ulterjorment is-sistemi tas-sorveljanza tal-awditjar tal-Istati Membri qabel ma jiddeċiedu li jafdaw is-sorveljanza li ssir mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

(6) Għalhekk, is-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Uniti tal-Amerika għandhom jiġu eżaminati għall-iskop li jiġi vvalutat il-progress li jsir biex tintlaħaq fiduċja reċiproka. Għal dawk ir-raġunijiet, din id-Deċiżjoni għandha tkun applikabbli għal perjodu ta' żmien limitat.

(7) Meta l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni li tirrikonoxxi li s-sistemi tas-sorveljanza pubblika, tal-aċċertament tal-kwalità u tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' pajjiż jew territorju terz huma ekwivalenti għall-fini tal-Artikolu 46(1) tad-Direttiva 2006/43/KE, l-Istati Membri jistgħu, abbażi tar-reċiproċità, ma japplikawx jew jimmodifikaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 45(1) u (3) fir-rigward tal-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar ta' dak il-pajjiż jew territorju terz. Il-kundizzjonijiet skont liema r-rekwiżiti tal-Artikolu 45(1) u (3)

[1] ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.
[2] ĠU L 15, 20.1.2011, p. 12.

ma jiġux applikati jew jiġu mmodifikati jridu jkunu stipulati f'arranġament ta' kooperazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2006/43/KE bejn l-Istat Membru u l-pajjiż jew it-territorju terz rilevanti u kkomunikati lill-Kummissjoni.

(8) Fil-każ ta' kumpanija inkorporata fl-Istati Uniti tal-Amerika u li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu ammessi għan-negozju f'suq regolat ta' Stat Membru, iżda li ma tkunx ammessa għan-negozju fl-Istati Uniti tal-Amerika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull inkarigu tal-awditjar relatat mar-rapporti finanzjarji ta' din il-kumpanija jkun kopert mill-arranġamenti ta' kooperazzjoni konklużi mal-Istati Uniti tal-Amerika biex ikun determinat liema sistema ta' sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità, investigazzjoni u penali se tapplika għall-awdituri ta' dawn il-kumpaniji. F'każ li dawn l-inkarigi tal-awditjar isiru minn awditur jew entità tal-awditjar ta' Stat Membru ieħor, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li l-inkarigu tal-awditjar ikun inkluż fl-ambitu ta' waħda mis-sistemi tagħhom ta' sorveljanza pubblika, aċċertament tal-kwalità u investigazzjoni u penali.

(9) Dan l-arranġament tranżizzjonali ma għandux jimpedixxi lill-Istati Membri milli jistabbilixxu arranġamenti individwali ta' kooperazzjoni dwar analiżi individwali tal-aċċertament tal-kwalità bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika.

(10) Din id-Deċiżjoni ma għandha tippreġudika l-ebda deċiżjoni finali tal-adegwatezza li l-Kummissjoni tista' tadotta skont l-Artikolu 47(3) tad-Direttiva 2006/43/KE.

(11) It-tħaddim tal-arranġamenti tranżizzjonali għandhom jiġu mmonitorjati u għandu jiġi eżaminat il-progress li jsir mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika. Fi tmiem il-perjodu tranżizzjonali, għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-ekwivalenza tas-sistema tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Uniti tal-Amerika. Għandha ssir analiżi ta' jekk l-Istati Membri sabux diffikultajiet biex jiksbu rikonoxximent bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika b'rabta mas-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità u tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u d-ditti tal-awditjar tal-Istati Membri.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2006/43/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-fini tal-Artikolu 46(1) tad-Direttiva 2006/43/KE, is-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Istati Uniti tal-Amerika għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għas-sistemi tas-sorveljanza pubblika, l-aċċertament tal-kwalità, u tal-investigazzjoni u l-penali għall-awdituri u d-ditti tal-awditjar tal-Istati Membri.

Artikolu 2

L-Artikolu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' kooperazzjoni dwar analiżi individwali dwar l-aċċertament tal-kwalità bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika, sakemm tali arranġament ikun jilħaq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/280/UE [1] u ma jippreġudika l-ebda deċiżjoni li għandha tittieħed skont l-Artikolu 47(3) tad-Direttiva 2006/43/KE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Awwissu 2013 sal-31 ta' Lulju 2016.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni
Michel BARNIER
Membru tal-Kummissjoni

[1] Ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.